*Mill-Paġna tas-Sezzjoni Mużewmina*

# Għeluq il-mitt sena mis-Sezzjoni Femminili

**tagħrif minn Tessie Galea**

Is-sena 1910... mitt sena ilu... perjodu ta' żmien fejn il-mara kienet assoċjata mad-dar u t-trobbija tat-tfal... ftit kienu dawk li jkomplu jew jiġu mgħallma l-iskola u dan minħabba l-faqar u wkoll minħabba l-mentalità li huma m'għandhomx bżonn skola la posthom kien id-dar... kollox kien jiddependi mir-raġel u dan mhux biss fil-kamp soċjali imma bil-wisq aktar fil-kamp reliġjuż.



**Giannina Cutajar, l-ewwel Superjura tal-MUSEUM Sezzjoni Femminili**

Madankollu, San Ġorġ Preca ħasibha mod ieħor. Meta San Ġorġ Preca, fl-1907, ħaseb biex is-subien u l-irġiel Maltin permezz tal-M.U.S.E.U.M. jagħrfu aktar lil Alla, inħobbuH aktar u b'hekk jaqduH ma ħalliex barra lin-nisa u l-bniet. Kien il-bidu tas-sena 1910, proprjament fl-10 ta' Jannar 2010 li San Ġorġ Preca sab mezz biex il-proġett li kellu moħbi fil-fond ta' qalbu jitqiegħed fil-prattika.

Milli jidher, San Ġorġ Preca kien midħla sew ta' Raħal Ġdid. Hawnhekk kien imur sikwit għand il-familja Cutajar. Speċjalment biex jixtri l-inbid tal-Quddiesa billi l-kap ta' din il-familja, is-Sur Anġ, kif kienu jsibuh, kien negozjant tal-inbid. San Ġorġ intlaqat minn bint is-Sur Anġ, li kien jisimha Giannina, għax fehem li din kienet ser tgħinu ħafna biex il-ħolma tiegħu, dik li n-nisa u t-tfajliet jagħrfu aktar lil Ġesù u jħobbuH issir realtà.

L-ewwel ma' għamel San Ġorġ, avviċina lil ħu Giannina, Karmenu, li dan kien ġa membru fil-Museum u qallu li xtaq jistieden lil oħtu biex tiddedika ħajjitha kollha għall-appostolat tat-tagħlim. Karmenu wassal l-istedina ta' San Ġorġ lil oħtu u hi, wara li kkonsultat m'ommha, Marianna, aċċettat il-proposta li għamlilha San Ġorġ Preca.

B'moħħha mistrieħ fuq l-għajnuna li kien wegħda San Ġorġ, bl-enerġija kollha li jista' jkollha tfajla ta' sittax-il sena intefgħet b'ruħha u b'ġisimha għall-appostolat tat-tagħlim. Ma kinetx tfajla mormija... kienet ġejja minn familja sinjura u għalhekk skola kienet tgħallmet xi ħaġa għax ommha u missierha kienu jħallsulha għal xi tagħlim privat id-dar. Kien għalhekk li bit-tagħlim ta' San Ġorġ, bil-pariri tiegħu u wkoll permezz ta' qari ta' kotba spiritwali bit-taljan li bdiet taqleb għall-Malti, imtliet hi biex tkun tista' tgħaddih lill-oħrajn. Ma rridux ninsew l-għajnuna kontinwa li kienet titlob u tirċievi minn għand Alla fit-talb li għenha tasal s'hawn.

Flimkien ma' tnax-il tfajla oħra, lkoll bħalha u li ttieħdu wkoll mill-ħeġġa tagħha, daħlu għal din l-avventura u beda l-Museum tal-bniet f'Raħal Ġdid. Ma kellhomx fejn jiltaqgħu u lanqas mezzi finanzjarji ma kellhom tagħhom. Kien għalhekk, li s-Sur Anġ, missier Giannina, li tahom maħżen fi Triq Santa Monika, Raħal Ġdid, biex ikunu jistgħu jinġabru fih. Dan il-maħżen, la kellu bankijiet u lanqas siġġijiet, għalhekk, dawn it-tfajliet, bdew jagħmlu xogħol li għal dak iż-żmien ma kienx ta' jdejhom. Bdew iġorru xi ġebliet imdaqqsin li kienu jsibu u fuqhom bdew ipoġġu xi twavel li s-Sur Anġ kien jipprovdilhom. B'hekk kien ikollhom fejn joqogħdu bilqiegħda. U mhux biss huma, għax kienu ħafna t-tfal bniet, li bdew jattendu għad-duttrina u fi triqithom kienu jqabblu u jkantaw din it-taqbila għal Giannina li kienet is-Superjura tal-post.

*Ejjew, ejjew, ejjew, imorru l-Museum*
*Il-Museum immorru bil-qalb, għax nitgħallmu ħafna talb.*
*Immorru għand Giannina, biex nitgħallmu d-Duttrina.*

Giannina, flimkien mat-tfajliet, soċi bħalha kienu jitgħallmu d-duttrina u jwasslu lit-tfal bniet għas-sagrament. Barra minnhekk, kienu joħorġuhom ukoll għal passiġġata. San Ġorġ Preca, ma ħallihomx għal riħhom, kien imur spiss bil-mixi mill-Ħamrun biex jagħmel xi lezzjoni lis-soċi.



**Il-maħżen li serva bħala l-ewwel qasam tal-MUSEUM tal-bniet**

Kien fl-istess sena, li Giannina talbet lil San Ġorġ Preca biex jibdew f'postijiet oħra. Infatti, il-Museum, sezzjoni femminili, beda jinxtered u barra Raħal Ġdid beda wkoll u għadu għaddej

f'diversi postijiet madwar Malta u Għawdex, fosthom fir-raħal tagħna.

L-għan prinċipali li għalih twaqqaf għadu l-istess... biex il-bniet li jiġu f'kuntatt mal-M.U.S.E.U.M. isiru jagħrfu aktar lil Ġesù, iħobbuH u jaqduH u b'hekk ibiddlu l-ambjent fejn jgħixu għal ħajja aħjar b'imħabba lejn Alla u lejn xulxin!

Din l-esperjenza ta' tagħlim li bdiet 100 sena ilu, ilna nduqu minna fir-raħal tagħna sa mill-1950, tul dawn l-aħħar 60 sena. Kienu diversi soċi li taw sehemhom u ħinhom biex uliedna jsiru aħjar f'dik li hi l-imħabba lejn Alla u lejn xulxin. Illum, il-Museum tal-bniet iwassal lit-tfal għas-Sagrament b'laqgħat ta' tagħlim, kull nhar ta' Tnejn u Ħamis fil-5.30 p.m. waqt li l-laqgħat għat-tfajliet isiru kull nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa fis-7 ta' filgħaxija, is-Sibt fil-5.30 p.m., waqt li l-Ħadd filgħodu ssir lezzjoni wara l-quddiesa tat-8.30 a.m. u l-ħruġ fit-3.30 ta' filgħaxija.

**Sors:**
Dun Ġorġ Preca ta' A. Bonnici OFM Conv. Vol. 1, Kap 6 (1989)



**Dun Ġorġ f'waħda mil-laqgħat magħrufa bħala sajda**